MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# DISTRETT - RABAT (GHAWDEX)

**MAGISTRAT DR.**
**GRIXTI GIOVANNI LL.D., LL.M.**

Seduta ta' 19 ta' Gunju, 2002

Numru. 651/2001
Kawza Numru. 57

**Il-Pulizija**
**(Spettur A P Miruzzi)**

- **- vs -**

**Michael Bugeja bin Charles u Grace nee Lija imwieled Pieta` fit-13 ta' Frar 1958 u li joqghod 42, Triq il-Mithna, Xewkija, Ghawdex.**
**Karta ta' Identita' numru 150838 (M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fit-22 ta' Settembru 2001, fuq il-bahar fl-inhawi Ta' Cenc, Ghawdex waqt stagun maghluq ghat-tehid u kacca ta' l-ghasafar minn fuq il-bahar, waqt li kien fuq opra tal-bahar, kellu fil-pussess tieghu zewg armi tan-nar wiehed ta' l-ghamla

Luigi Franchi numru tas-serje D68764 u l-iehor ta’ l-ghamla Benelli M366758 u munizzjon (disgha u tmenin (89)-il skartocc) matul l-istagun maghluq ghat-tehid u l-kacca ta’ l-ghasafar minn fuq il-bahar, ikkaccja jew ipprova jikkaccja, jiehu jew ipprova jiehu, xi ghasfur, jew garr waqt li jkun qieghed fuq il-bahar (hlief meta jkun qed jaqsam bejn Malta u Ghawdex permezz tat-trasport pubbliku) munizzjon jew arma tan-nar li jkollha licenzja ghall-kacca u dan bi ksur ta’ Avviz Legali 146/93 Art 9 (1) (f) Art 9(1) (f) u aktar talli fl-istess data, hin, post u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu jew kontroll tieghu jew ikollu f’idejh jew fuqu arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Kap 66 Art 3 (1A) u aktar talli fl-istess data, hin, post u cirkostanzi ghamel uzu minn opra tal-bahar minghajr ma kienet registrata mad-Direttur Ezekuttiv responsabbli ghac-Centri tal-Yachting ta’ l-Awtorita` Marittima Maltija u dan bi ksur ta’ Avviz Legali 129/2001 Art 3 & 5.

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti u minn ezami ta’ l-atti processwali, din il-Qorti mhix konvinta li ghandha ssib htija fl-imputat. Kif tajjeb indikat id-difiza l-imputat ma kienx qieghed wahdu meta kien intercettat mill-pulizija u huwa xi ftit inkredibbli kif persuna kien ghall-kacca b’zewgt isnieter, meta dawn ma jappartjenux lilha u meta l-imputat kien licenzjat biex izomm arma tal-kacca b’numru differenti ghal dak esebit.

In vista ta’ l-ekwivoku ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur